MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 1099/1998/1

**Carmela Coleiro sive Carmen Coleiro**

**v.**

**Paul Coleiro**

**Il-Qorti:**
Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici li in forza taghha, wara li ppremettiet illi:
"Premess illi l-partijiet izzewgu fl-24 ta' Settembru 1977 (Dok A) u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, tnejn minuri Tatjana u Amanda u wiehed maggorenni Kenny;

“Premess illi l-konvenut rrenda ruhu hati ta’ adulterju, eccessi, minacci, sevizzi u ingurji gravi.

“Premess illi l-attrici talbet u ottjeniet id-debita awtorizzazzjoni mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili biex tissepara minn mal-konvenuta liema awtorizzazzjoni l-attrici ottjeniet Dokument B;

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi ghalhiex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddeciedi u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi ghat-tortijiet imputabbli lill-konvenut fosthom adulterju, eccessi, minacci u ingurji gravi;

“2. Tafda l-kura u l-kustodja tal-ulied minuri lill-attrici;

“3. Tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

“4. Tillikwida, taqsam, u tiddividi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

“5. Tassenja lill-partijiet sehemhom mill-komunjoni tal-akkwisti kif fuq maqsum;

“6. Tillikwida l-assi parafernali tal-partijiet u tassenja l-istess;

“7. Tawtorizzha lill-attrici tghix fid-dar konjugali u tassenja l-uzu u t-tgawdija tal-istess fond lill-attrici;

“8. Tiddikjara li l-konvenut ddekada mill-artikoli tal-Kodici Civili numru 48 u 49 jew liema minnhom applikabbli.

“9. Tiffissa manteniment ghall-attrici u uliedha.

“10. Tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja hekk likwidata.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
"Huwa ma jopponix ruhu ghas-separazzjoni personali imma ghar-ragunijiet li huma imputabbli lejn l-istess attrici, fosthom minhabba l-hajja adultera taghha, l-abbandun mid-dar konjugali u tal-istess ulied minuri Tatiana Marie u Amanda Stacy kif ukoll tal-iben maggorenni Kenny. Dan il-komportament tal-attrici wassal ukoll ghal digriet moghti mis-Sekond' Awla tal-Qorti Civili (Nru. 1449/96) tal-21 ta' Novembru 1996 fejn, "inter alia", il-kura u kustodja tal-minuri giet fdata f'idejn l-eccipjent (Dok. PC1).

"Illi in vista tas-suespost, it-talbiet attrici qed jigu michuda bl-ispejjes li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

"Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fil-21 ta' Gunju 2006, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
"[1] Tilqa' l-ewwel talba limitatament billi tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, stante li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment;

"[2] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba, stante li t-tfal kollha llum huma maggjorenni;

"[3] Tiddeciedi dwar it-talbiet numri [3] [4] u [5], billi tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-konjugi, u tiddikjara li l-assi komunitarju jikkonsisti:

"[a] fis-somma ta' tnejn u tletin elf lira Maltin [Lm32,000] rapprezentanti r-rikavat mill-bejgh tad-dar matrimonjali ta' Hal Luqa u tal-mobbli ta' go fiha;

"[b] fis-somma ta' hdax il-elf lira u hames mitt lira Maltin [Lm11,500] rapprezentanti r-rikavat miz-zewg garages mibjugha mill-konvenut;

"[c] il-mobbli rimanenti mid-dar konjugali u l-vettura, li fil-prezent qeda fil-pussess tal-konvenut tal-ghamla "Stealth";

"Tassenja lill-attrici nofs ir-rikavat mill-bejgh tad-dar konjugali, u nofs ir-rikavat mill-bejgh tal-garages, fl-ammonti rispettivi ta' Lm16,000 u Lm5,750; tassenja lill-konvenut l-oggetti mobbli kollha li ghadhom fil-pussess tieghu, u l-imsemmija vettura. Inoltre, qed jigi assenjat lill-partijiet rispettivament, kull depositu bankarju li llum jinsab fuq ismhom.

"Tordna lill-istess konvenut jhallas lill-attrici l-imsemmija somom ammontanti komplessivament ghas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf lira u seba mija u hamsin lira Maltin [Lm21,750].

"[4] Tichad is-sitt talba, stante li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;

"[5] Tichad is-seba talba, stante li d-dar konjugali kienet giet mibjugha, u llum il-konvenut qed jghix go post mikri lilu;

"[6] Tichad it-tmien talba, stante li ma rrizultax li l-konvenut ghandu xi htija ghas-separazzjoni personali;

"[7] Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba fir-rigward ta' ulied il-kontendenti, stante li dawn illum huma maggjorenni; u tichad it-talba fil-konfront ta' l-attrici ghar-ragunijiet fuq indikati; u tichad it-talbiet konsegwenzjali numri [9] u [10].

"L-ispejjez jibqghu a kariku ta' l-attrici.

Dik il-Qorti tat id-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"Separazzjoni Personali***

"Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha l-konvenut, in bazi ghal dak kontemplat fl-Artikoli

38 u 40 tal-Kap.16 imputabbli lill-konvenut. Minn naha tieghu l-konvenut, filwaqt li jaqbel mad-dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali, jeccepixxi li din ghandha tigi attribwita ghall-"hajja adultera" ta' l-attrici u l-abbandun taghha mid-dar konjugali.

"Illi x-xhieda principali dwar l-aspett ta' din il-kawza huma il-partijiet infushom; xehedu wkoll tnejn mit-tlett it-tfal taghhom, il-PC832 Edward Falzon u l-konsulent psikjatra Dr.Joseph Vella Baldacchino.

"Illi mill-kumpless tal-provi ddelinea ruhu s-segwenti kwadru tal-fatti. Fl-24 ta' Settembru 1977 il-partijiet izzewwgu u marru joqghodu l-Amerika fejn damu jghixu hemmhekk circa ghaxar snin. Sussegwentement dawn irritornaw Malta, xtraw dar u bdew jghixu Hal Luqa flimkien mat-tlett it-tfal taghhom. Fis-sena 1994 l-attrici giet ammessa b' certifikat mediku ghal ftit zmien l-Isptar Monte Carmeli. Sussegwentement giet rilaxxjata, izda baqghet tattendi l-istess sptar bhala out patient. Gie konstatat li l-attrici kienet qed issofri minn breakdwon li l-konsulent Dr.Vella Baldacchino jiddeskrivi bhala "a very serious illness illi tista tkun intermittent, jigifieri mhux kontinwa, mhux kronika, il-hin kollu". [fol.276]. Sadanittant l-inkwiet matrimonjali kien diga' beda.

"Mill-provi jirrizulta li inizjalment il-konvenut kien preokkupat hafna fuq martu, izda meta skond hu, sar jaf li dina kienet tigri ma' l-irgiel beda l-inkwiet serju li eventwalment wassal sabiex l-attrici abbandunat id-dar konjugali u marret tghix ghand ommha. Ghal precizjoni jinghad li l-attrici kienet harbet mid-dar konjugali peress li l-konvenut kien beda jaqfilha gewwa; u sussegwentement irrifjuta li jerga' jaccettaha fid-dar stante li skond hu kienet qeda tigri ma' l-irgiel.

Il-versjonijiet moghtija mill-partijiet huma konfliggenti. Minn naha taghha l-attrici tallega li l-konvenut kien xhih maghha u qatt ma kien jaghtiha flus f'idejha, izda kien jafda l-flus f' idejn it-tfal ghalkemm fl-istess affidavit tghid li flus fil-banek fl-Amerika kienu qeghdin fuq isimha. Hija tallega wkoll li r-ragel minn dejjem kien isawwatha, izda ma

pproduciet ebda certifikat, ghalkemm ghamlet diversi rapporti lill-pulizija li, fuq struzzjonijiet taghha, qatt ma kienu hadu passi. Tghid li l-konvenut “dejjem imur ma’ nisa ohra” kemm l-Amerika kif ukoll Malta fejn indikat persuna b’ isimha u sahansitra qalet li kien igibha d-dar; izda hija ma gabitx provi f’ dan ir-rigward, u x-xhieda taghha ma hi korroborata bl-ebda mod. L-attrici tghid ukoll li il-konvenut kien jahqar lit-tifel u l-marda li kellha kienet kagun ta’ l-inkwiet li kien jaqghlalha l-konvenut. Eventwalment hija tghid li dana kecciha mid-dar konjugali, u dana quddiem it-tfal stess. Ix-xhieda tat-tfal timmilita kontra din l-allegazzjoni.

“Il-konvenut minn naha tieghu sostna li mit-tobba li ezaminaw lill-attrici huwa sar jaf li dina kienet tigri ma’ l-irgiel; izda f’ dan ir-rigward il-provi huma skarsi, anke kunsidrat ix-xhieda tat-tfal; u di piu’ il-konvenut ma ressaqx provi estranei, bhal per ezempju t-tobba li tawh dik l-informazzjoni, in sostenn ta’ din l-allegazzjoni. Huwa jghid ukoll li l-attrici kienet tonfoq b’ mod eccessiv. Izda l-bazi ta’ l-inkwiet kollu bejn il-koppja kienu l-allegazzjonijiet reciproci ta’ adulterju maghmula fil-konfront ta xulxin, liema allegazzjonijiet baqghu biss bhala tali minghajr sostenn ta’ provi sodisfacenti. Imbaghad l-attrici harbet mid-dar konjugali u abbandunat lilu u t-tfal li baqghu fil-kura u kustodja tieghu. Huwa rrifjuta sussegwentement li jerga’ jaccettaha fid-dar konjugali.

“Illi x-xhieda tat-tfal Amanda Stacey u Tatiana, li fiz-zmien li xehedu kellhom sbatax u sittax il-sena rispettivament, u li sakemm kienu minorenni kienu fil-kura u kustodja ta’ missierhom, taghti stampa posittiva hafna tal-konvenut, filwaqt li tpoggi lill-attrici f’dawl negattiva. Minn din ix-xhieda jirrizulta li l-attrici ma kienitx iggib ruhha sew maghhom u kienet titraskurahom anke meta kellhom eta’ zghira, bhal seba u tmien snin, kienet issakkarhom fil-kmamar ghal certu hin, kienet ukoll thallihom ifendu ghar-rashom anke f’ dak li jirrigwarda tisjir, u ma kienet tuza komportament dicenti meta kienet tkun id-dar, anzi kienet taghtihom ezempju hazin.

“Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li, ghalkemm irrizulta car li z-zwieg bejn il-konjugi Coleiro ilu zmien twil li tkisser irrimedjabbilment, ma jirrizultawx l-imputazzjonijiet kontenuti fit-tieni premessa tac-citazzjoni, maghmula minnha fil-konfront tal-konvenut. Fi kliem iehor ma rrizultax provat li dan ikkommetta fil-konfront taghha adulterju, jew li kkaguna eccessi, minacci, sevizzi jew ingurji gravi.

“Ghaldaqstant l-ewwel talba attrici timmerita li tigi milqugha limitatament ghad-dikjarazzjoni ta’ separazzjoni personali bejn il-partijiet, filwaqt li l-kumplament ma jinsabx sostnut mill-provi.

***“Kura u Kustodja***

“Rigward din it-talba, jigi osservat li llum t-tfal kollha tal-partijiet huma maggjorenni, u ghalhekk din tinsab sorvolata bit-trapass taz-zmien.

***“Komunjoni ta’ l-akkwisti***

“Illi f’ dan ir-rigward il-provi relevanti huma kemm konfliggenti kif ukoll skarsi, u l-posizzjoni tal-flus bankarji u tar-rikavat tal-bejgh tad-dar giet resa izjed komplikata bil-fatt li parti mill-kontijiet bankarji lokali kienu fuq isem il-konvenut, filwaqt li l-attrici kellha u ghad ghandha fuq isimha kontijiet bankarji kemm lokali, kif ukoll esteri li f’ xi zmien kienu juru ammont sostanzjali ta’ flus, senjatmanet il-Home Savings of America.

***“Dar Hal Luqa – rikavat***

“Illi mill-provi rrizulta li meta l-partijiet gew Malta huma kienu xtraw proprjeta’ f’ Hal Luqa li sussegwentement bieghu, permezz ta’ kuntratt datat 23 ta’ Lulju 1996, fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion versu l-prezz komplessiv ta’ Lm32,000, rapprezentanti LM22,000 prezz tad-dar, u l-kumplament prezz tal-mobbli mibjugha. Mill-kuntratt jirrizulta li l-prezz komplessiv gie mhallas lill-konjugi Coleiro dak in-nhar stess.

“F’ dan l-istadju jibda d-disgwid bejn il-partijiet, ghax filwaqt li l-konvenut isostni li meta gibed il-flus huwa kien ta nofshom lil martu, dina ssostni li hi ma kienitx hadet sehemha. In tema legali jigi osservat li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u allura l-oneru tal-prova tal-pagaemnt da parti tal-konvenut tirrisjedi fuq l-istess konvenut anke fuq bazi ta’ probabbilita’. Din il-prova hija mankanti, u ghalhekk fin-nuqqas ta’ prova sodisfacenti li l-konvenut fil-fatt kien ghaddha s-somma ta’ Lm16,000 lill-attrici rapprezentanti sehemha minn dan il-bejgh, il-pretensjoni attrici f’dan ir-rigward ghandha titqies bhala gustifikata.

“In propositu huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet li jimminaw it-tesi tal-pagament sostnuta mill-konvenut, sa tal punt li jinnewtralizzawha:
[1] Illi fix-xhieda tieghu, il-konvenut jghid li mal-kuntratt, il-vendituri, kkonsenjaw is-somma ta’ Lm5,000 lill-attrici fi flus kontanti, u l-bilanc ta’ Lm27,000 gie mhallas ukoll dak in-nhar permezz ta’ cheque konsenjat lill-konvenut. Huwa spjega li kien iddeposita c-cheque fil-kont numru 129-0267206-1 u meta gie cleared ic-cheque u thallsu xi taxxi, huwa kkonsenja lill-attrici sehmha.

“Fix-xhieda tieghu huwa rrifera ghall-istatement esebit a fol.145 tal-process. Ezami ta’ dan il-kont intestat fuq isem il-konvenut, juri li fit-3 ta’ Awissu 1996 sar depositu ta’ Lm27,000, liema somma giet irtirata mill-istess kont fit-3 ta’ Settembru. Izda minn dan l-istatement ma’ jirrizultax li fil-frattemp kien sar xi pagament sostanzjali, imma jirrizulta biss li ftit tal-jiem wara l-biegh gie depozitat dan l-ammont u xahar wara l-istess somma giet irtirata. Sa hawn tasal din il-prova; u ghalhekk id-depositu u l-irtirar ta’ dik is-somma ma tikkostitwix prova li huwa fil-fatt kien hallas sehem l-attrici.

“[2] Illi inoltre, anke jekk dato non concesso, il-vendituri kienu kkonsenjaw lill-konvenut cheque ta’ Lm27,000 li dan ddeposita fl-imsemmi kont u li xahar wara rtira biex, skond il-konvenut, ihallas lill-attrici; il-fatt li xaharejn wara, u precisament fil-25 ta’ Ottubru 1996, huwa pprezenta rikors fis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili sabiex jigi awtorizzat

jipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' l-attrici, juri li fiz-zmien li kien sar il-kuntratt, il-hajja matrimonjali kienet diga mxellfa sew, u ghalhekk *multo magis*, jekk verament il-konvenut kien ta lill-attrici sehemha mill-prezz, kien fl-interess tieghu li jassikura bi prova konkreta evidenza ta' dan il-pagament, bhal per ezempju r-rilaxx ta' ricevuta. Il-Qorti tikkonsidera ferm, u ferm, inverosimili li f' dawk ic-cirkostanzi l-konvenut jikkonsenja s-somma ta' Lm11,000 jew somma ohra ta' din il-portata lill-attrici, minghajr ma jassikura l-prova tal-pagament.

"[3] Illi, ghalkemm il-konvenut sostna li ma' l-iffirmar tal-kuntratt il-vendituri kienu hallsu l-prezz in parte lill-attrici [fi flus kontanti] u in parte lilu permezz ta' cheque, il-Qorti tosserva li din il-modalita' ma tirrizulta provata minn imkien, ghajr ghall-allegazzjoni tal-konvenut. Mill-kuntratt ma tirrizultax il-modalita' tal-pagament maghmul mill-vendituri izda jirrizulta biss li l-prezz thallas lill-kompraturi. Huwa l-oneru tal-konvenut li jipprova dak li jallega, u ghalhekk, f' dawn ic-cirkostanzi kien jispetta lilu li jressaq provi jew xhieda dwar il-modalita' tal-pagament maghmula mill-vendituri; izda l-vendituri ma tressqux bhala xhieda. Ghaldaqstant din l-allegazzjoni maghmula mill-konvenut ma ssibx sostenn fil-provi. Jigi ribadut illi l-fatt li dana kien iddeposita s-somma ta' Lm27,000 ftit tal-jiem wara l-kuntratt, zgur ma tikkwalifikax bhala prova integra u sodisfacenti f' dan ir-rigward.

"[4] Huwa opportun li jinghad f' dan l-istadju li fir-rigward tal-kont fil-Home Savings of America nru. CA 91016 fuq isem l-attrici, esebit [Dok.PC5] mill-konvenut u li fis-sena 1994 juri bilanc ta' 6,623.49, dan jirriferi ghal sentejn qabel l-imsemmi kuntratt, u ghalhekk kien jispetta lill-konvenut sabiex jesebixxi statement ulterjuri indikanti l-bilanc wara li kien sar il-bejgh tad-dar u, skond kif allegat mill-konvenut, l-attrici ppercepit sehemha mill-prezz.

"[5] Illi fir-rigward tal-kont nru. 504069036 intestat fuq l-attrici ma' l'allura Mid Med Bank jinghad li dana ma fihx ammonti relevanti ghal vertenza in kwistjoni.

"[6] Illi rigward il-kontijiet numri 182 -003704-0, u 182-003711-5 li kienu gew trasferiti fuq isem l-attrici mill-konvenut, u li fihom kienu depositati ammonti sostanzjali ta' flus, dawna kienu ingibdu fis-sena 1990, qabel ma kien beda l-inkwiet bejn il-konjugi, u mill-provi irrizulta li dawn il-flus kienu jirrapprezentaw ir-rikavat tad-dar li l-konjugi kienu bieghu fl-Amerika; imbaghad fi kliem il-konvenut "L-Amerika bhala proprjeta', kellna dar. Din inbieghet u xtrajt dar hawn Malta." [fol.381]. Ghaldaqstant hija verosimili t-tesi ta' l-attrici li dawn il-flus gew impjegati ghax-xiri tad-dar f' Malta, dik ta' Hal Luqa, li l-konjugi kienu xtraw fil-5 ta' Dicembru 1987.

"Ghaldaqstant din il-parti tal-pretenzjoni attrici kwantifikata fis-somma ta' Lm16,000 hija gustifikata. Rigward it-talba ghall-imghax fuqhom mis-sena 1996, il-Qorti tosserva li ma rrizultax li l-attrici kienet interpellat lill-konvenut fit-termini ta' l-Artikolu 1141[2] tal-Kap.16. Inoltre, ma rrizultax provat li dawn il-flus kienu fil-fatt gew investiti mill-konvenut u li kienu qed jirrendulu xi imghaxijiet. Ghaldaqstant din il-parti tal-pretensjoni attrici ma treggix.

***"Garages***

"Mill-provi rrizulta li fil-mori tal-proceduri l-konvenut biegh zewg garages - li skond hu kien partat ma vettura li kien gab mill-Amerika - b' kuntrattati datati fis-7 ta' Lulju u fit-2 ta' Dicembru 2001 bil-valur ta' Lm5,500 u Lm6,000 rispettivament, b' hekk b' kollox huwa ppercepixxa s-somma komplessiva ta' Lm11,500, li minnhom l-attrici qed tippretendi s-somma ta' Lm5,750 sehemha mir-rikavat.

"Il-konvenut jikkontendi li l-pretensjoni attrici f' dan ir-rigward ghandha tigi michuda minhabba l-abbandun mid-dar konjugali u l-adulterju kommess mill-attrici. Il-Qorti tosserva li din il-pretensjoni mhijex gustifikata, stante li ma' rrizultax mill-provi li l-attrici kkommettiet adulterju; filwaqt li dwar il-fattur ta' l-abbandun jirrizulta biss li dina kienet abbandunat id-dar konjugali ghal xi zmien; izda sussegwentement meta riedet tirritorna lura, il-konvenut ma riedx jhalliha terga' tidhol fid-dar.

***“Kontijiet bankarji***

“Fin-nota taghha l-attrici issemmi li l-konvenut kellu diversi kontijiet bankarji fuq ismu li fihom kienu gew depositati somom kbar ta’ flus; u inter alia, issemmi s-somma ta’ Lm25,000 depositata fil-kont 173-0382201-7 [fol.95] fl-4 ta’ Ottubru 1996 li giet irtirata l-ghadha; issemmi ukoll id-depositu ta’ Lm27,000 fuq indikat; u ammonti ohrajn.

“Fin-nota tieghu l-konvenut jirrispondi li dawn id-depoziti “jirrappresentaw sehem l-esponenti mir-rikavat tal-fond matrimonjali gewwa Hal Luqa fl-ammont ta’ Lm16,000, kif ukoll ir-rikavat mill-bejgh taz-zewg garages fl-ammont ta’ Lm11,500.” [fol.438]. Il-Qorti tosserva li minn ezami tal-kontijet bankarji esebiti jirrizulta li, anke fis-sena 1996, l-konvenut kellu ammonti akbar minn hekk [ara fol.141]. Inoltre, il-kredibilita’ tal-konvenut f’ dan ir-rigward tkompli tidghajjef bil-fatt provat li l-garages inbighu f’ Lulju u Dicembru tas-sena 2001, u cioe’ hames snin wara li kienu effettwati l-imsemmija depoziti.

***“Post Marsascala***

“Illi l-attrici ssostni li l-post fejn illum qed jabita l-konvenut kien inxtara minnu in proprjeta’ matul iz-zwieg, filwaqt li l-konvenut isostni li huwa jidditjeni dan il-fond b’ titolu ta’ kera. In propositu l-Qorti tosserva li l-provi jissufragaw it-tesi tal-konvenut, u jimmiltaw kontra dik attrici.

***“Mobbli***

“Rigward l-oggetti mobbli, l-attrici pprezentat lista a fol.31 indikanti l-mobbli kollha appartenenti lill-komunjoni ta’ l-akkwisti; filwaqt li l-konvenut b’ lista prezentata a fol. 325 indika dawk l-oggetti li l-attrici kienet hadet maghha. Huwa jghid li meta sar il-kuntratt tal-bejgh tad-dar ta’ Hal Luqa, il-venditur ha l-ghamara kollha li kien hemm fih. Fil-lista prezentata minnu huwa mmarka b’sinjal [very good] l-oggetti li ghadhom ghandu, filwaqt li mmarka b’ salib l-oggetti li kienu nbighu mad-dar.

"Rigward il-karrozzi li kellu l-konvenut, jigi osservat li l-provi f' dan ir-rigward, ghajr ghal xi allegazzjonijiet, huma skarsi, anzi mankanti; inoltre t-tesi tal-konvenut li huwa kien partat karrozza li kien gab mill-Amerika mal-garages fuq indikati tkompli timmina t-tesi attrici li llum il-konvenut ghandu xi vetturi fuq ismu, hlief ghal vettura wahda.

"In propositu ghall-oggetti mobbli li ghadhom fil-pussess tal-konvenut, il-Qorti tikkonsidera ekwu li sehem l-attrici minnhom ghandu jigi assenjat lill-istess konvenut, tenut kont tal-fatt li dana ghal certu tul ta' zmien kellu wahdu l-kura u kustodja effettiva taz-zewg minuri wahdu, u kif jirrizulta mix-xhieda taghhom stess, huwa adempixxa dan l-obbligu tieghu b' mod sodisfacenti ghall-ahhar.

**"*Manteniment***

"Illi jigi rilevat li l-konvenut jghix fuq l-assistenza socjali, u ghalhekk rebus sic stantibus mhux fil-posizzjoni li jhallas ebda manteniment lill-attrici li minn naha taghha wkoll qeda tghix bl-assistenza socjali. Barra minnhekk il-Qorti, tenut kont tal-komportament ta' l-attrici waqt li dina kienet tikkonvivi ma' l-attur, u senjatament l-indifferenza li din kienet turi lejn il-familja taghha rifless fil-mod kif kienet titratta jew ahjar titraskura l-istess tfal taghhom, u l-imgieba hazina taghha quddiemhom wkoll, kif ukoll telqet ghal xi zmien mid-dar konjugali, din il-Qorti tikkonsidera dan l-atteggjament bhala sevizzi da parti taghha fil-konfront ta' zewgha u ta' uliedhom, u ghandha tapplika fil-konfront taghha d-dispsot ta' l-Artikolu 48[d] tal-Kap.16 b' referenza ghall-Artikolu 51."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut Paul Coleiro;

Rat ir-risposta ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din il-kawza ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti li zzewgu fl-24 ta' Settembru 1977, u li mil-liema zwieg kellhom tlett itfal, li llum huma kollha maggorenni. L-ewwel Qorti, wara li semghet u ezaminat il-provi prodotti quddiemha, iddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-partijiet fuq il-bazi li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u tterminat u llikwidat il-komunjoni ta' l-akkwisti, bir-rizultat ahhari jkun li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' Lm21,750. Il-konvenut appellant qed jitlob riforma tas-sentenza appellata partikolarment f'dik il-parti tas-sentenza li titratta l-mod kif l-ewwel Qorti llikwidat il-komunjoni ta' l-akkwisti allura ezistenti bejnu u martu.

L-ilmenti tal-konvenut appellant huma essenzjalment tnejn: fl-ewwel lok qed jallega li fost l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi inkluza s-somma ta' US$145,000 li kienu depozitati f'kont bankarju fl-Istati Uniti ta' l-Amerika; fit-tieni lok, jallega li l-attrici kienet hadet sehemha mir-rikavat tal-bejgh tad-dar gewwa Hal Luqa, u kwindi ebda sehem ma hu dovut lill-istess attrici wara dan il-bejgh.

Dwar id-depozitu f'kont fl-Amerika, l-ewwel Qorti kienet iddecidiet li dan il-kont, veru li kien jezisti, pero`, inghalaq u l-flus ingibdu biex setghet tinxtara d-dar hawn Malta. Il-konvenut jallega li dan ma setax ikun peress li d-dar inxtrat b'kuntratt tal-5 ta' Dicembru 1987, waqt li l-flus gew zbankati mill-attrici fl-1990. Fl-istadju ta' l-appell il-konvenut esebixxa l-librett li qal li sab wara s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u li, skond hu, juri li ghad hemm is-somma ta' US$145,000 depozitati f'isem l-attrici.

L-ewwel Qorti kienet sodisfatta bl-ispjegazzjoni moghtija lilha illi l-flus f'dak il-kont verament gew impenjati fil-hlas tad-dar li l-partijiet kienu xtraw hawn Malta. Qieset ukoll li l-flus gew zbankati qabel ma nqala' l-inkwiet bejn il-partijiet, u la darba il-kont inghalaq waqt li l-partijiet kien ghad ghandhom relazzjoni tajba bejniethom, ma dehrilhiex li kellha tikkunsidra aktar dak il-kont.

Din il-Qorti tara li la darba l-kont ta’ l-Amerika nghalaq fl-1990 u, kif jixhed l-istess konvenut, l-inkwiet bejn il-koppja beda lejn l-ahhar tal-1996, hu prezunt li kull ma gara sehh bi ftehim u l-kunsens taz-zewg partijiet. Fuq kollox, mhux inverosimili li persuna tixtri post u thallas ghalih snin wara. Sfortunatament, hadd mill-partijiet ma ressaq kopja tal-kuntratt ta’ Dicembru 1987 u din il-Qorti, allura ma tistax tikkontrolla l-modalita` tal-hlas kif miftiehem fuq il-kuntratt.

Il-konvenut, kif inghad, fi stadju ta’ appell esebixxa libretti biex juri li l-flus li kien hemm l-Amerika, wara li gew zbankati, regghu gew redepositati mill-attrici f’kont iehor. Din il-Qorti ma tarax li dawk il-libretti juru dak li qed jissottometti l-konvenut. Il-librett hu intestat fuq isem il-familja kollha, inkluz it-tfal u l-konvenut, u jidher li infetah ftit xhur wara li nghalqu l-kontijiet l-ohra. Peress li, bejn wiehed u iehor, dan il-kont il-gdid infetah bi flus ekwivalenti ghal dawk zbankati miz-zewg kontijiet ta’ qabel, hu probabbli li l-flus taz-zewg kontijiet precedenti gew wara depozitati fil-kont il-gdid. Sa hawn, allura, il-konvenut jidher li ghandu ragun, pero`, jibqa’ l-fatt li dan il-kont l-ahhar darba li gie utilizzat kien fl-1993, fiz-zmien ukoll meta l-partijiet kien ghad kellhom relazzjoni tajba; x’sar minn dak il-kont wara dik id-data ma jirrizultax.

Il-librett huwa f’idejn il-konvenut, u filwaqt li jidher li kull zbank jigi rekordjat fuq l-istess librett, f’dan il-kaz ma jidhirx li s-somma giet irtirata. Fil-process hemm ittra datata 25 ta’ Mejju 2000, indirzzata lill-attrici li tghid li m’hemmx *accounts* f’isimha. Din l-ittra hija mahruga mid-Downey Savings and Loan Association F.A., waqt li l-libretti esebiti huma mahruga mill-Home Savings of America li, milli jidher, hija istituzzjoni differenti minn ta’ qabilha. Din il-Qorti, ghalhekk, tara li ma jirrizultax car x’gara mill-flus depositati f’dan il-kont. La darba l-ahhar record tal-kont imura lura ghall-1993, meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien, ma tistax tghid jekk il-kont ghadux vigenti jew inghalaqx. Jekk il-flus ghadhom hemm, allura dawn jappartjenu liz-zewg partijiet f‘ishma indaqs, pero`, il-Qorti ma tistax tipprovdi fir-rigward ghax ma tafx x’sar minn dak il-kont. Kif intwera, l-ahhar *entry*

tmur lura 14-il sena, u fin-nuqqas ta’ prova cara li dawk il-flus ghadhom hemm jew li gew zbankati mill-attrici minn wara dahar il-konvenut, ebda provvediment fir-rigward ma jista’ jinghata.

Kwindi l-aggravju tal-konvenut fuq dan il-punt qed jigi michud.

Bit-tieni ilment tieghu, il-konvenut jallega li, kuntrarjament ghall-konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti, ir-rikavat mill-bejgh tad-dar gewwa Hal Luqa (li sar b’att tat-23 ta’ Lulju, 1996), gie fil-fatt imqassam bejnu u martu u kwindi, mhux obbligat jghaddilha sehemha. Fuq dan il-punt, mill-provi jirrizulta li filwaqt li l-attrici tghid li hi ma rcevietx is-sehem taghha ta’ nofs, il-konvenut jghid li hi kienet hadet sehemha. L-ewwel Qorti rat li kien oneru tal-konvenut li juri li l-flus gew maqsuma fi kwoti indaqs bejnu u martu, u ladarba, fil-fehma taghha, il-konvenut ma ssodisfax dan l-oneru, allura, ghandu jghaddi nofs ir-rikavat lil martu.

Din il-Qorti tara li fil-kuntratt tat-23 ta’ Lulju 1996, hemm registrat li l-prezz, kemm tal-fond kif ukoll tal-mobbli, thallas kollu fuq l-att lil Paul u Carmen Coleiro, li t-tnejn dehru u ffirmaw il-kuntratt bhala vendituri. Kwindi, sa hawn, il-presunzjoni hi li l-partijiet ircevew flimkien ir-rikavat mill-bejgh u li, allura, kull parti ha sehemu. Jidher, pero`, li, kif xehed l-istess konvenut, l-parti l-kbira tal-prezz thallset b’*cheque* li hu ddepozita f’kont ma’ bank lokali. Wara li c-*cheque* gie *cleared* mill-bank, kien biss il-konvenut li zbanka l-flus. Hu jghid li ghadda nofshom lil martu, pero`, prova ta’ dan ma gabx. Ladarba, hu ammess li l-flus <u>kollha</u> kienu, f’certu moment wara l-iffirmar tal-kuntratt f’idejn il-konvenut, dak li jirrizulta mill-kuntratt ma jibqax aktar vinkolanti, u <u>hu</u> ghandu jipprova li ghadda nofshom lill-attrici. L-ewwel Qorti qieset li l-attur ma rnexxielux jaghmel din il-prova, u din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi fir-rigward, ma jidhrilhiex li ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti u l-konkluzjoni li waslet ghaliha. Bhall-ewwel Qorti, din il-Qorti tara li c-cirkostanza li l-konvenut, xahrejn biss wara li irtira l-flus, ipprezzenta rikors quddiem is-Sekond Awla tal-Qorti Civili biex ikun awtorizzat jipprocedi ghas-

separazzjoni personali minn ma' martu, hija indikazzjoni li fil-fatt, hu ma ghaddhiex sehem martu mir-rikavat. Il-Qorti tara f'dan l-*iter*, anzi, agir frawdolenti da parti tal-konvenut, li ra kif ghamel biex jizbanka l-flus ezatt qabel ma mar ikellem Avukat biex jibda proceduri ta' separazzjoni personali kontra martu.

Din il-Qorti, ghalhekk, ma tarax li dan it-tieni ilment tal-konvenut huwa misthoqq.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-appell interpost mill-konvenut qed jigi michud, u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti kkonfermata fl-interezza taghha. L-ispejjez ta' dan l-appell ikunu a karigu tal-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------